REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/830

tal-15 ta' Mejju 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([2]) jistabbilixxi l-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, ċerti Stati Membri u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("EASA") għaddew l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-aġġornament ta' dik il-lista. L-informazzjoni rilevanti ġiet provduta wkoll minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata abbażi ta' dik l-informazzjoni.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lill-kumpaniji tal-ajru kollha kkonċernati b'mod dirett jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi ta' deċiżjoni li timponilhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jew li temenda l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq kumpanija tal-ajru li tkun inkluża fil-listi fl-Anness A u B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lill-kumpaniji tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, biex jissottomettu kummenti bil-miktub u biex jagħmlu preżentazzjoni bil-fomm lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 ([3]) (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru").

(5) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva aġġornamenti mingħand il-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejjin, fi ħdan il-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u tar-Regolament (KE) Nru 473/2006 ([4]), mal-awtoritajiet kompetenti u mal-kumpaniji tal-ajru tal-Benin, tal-Bolivja, tal-Indja, tal-Indoneżja, tal-Libja, tal-Mozambique, tan-Niġerja, tal-Pakistan, ta' Saint Vincent u tal-Grenadini, tat-Tajlandja, tal-Ukrajna u taż-Żimbabwe. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll informazzjoni lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Afganistan, fl-Angola, fil-Guinea Ekwatorjali, fil-Georgia, fil-Każakistan, fil-Libanu u fin-Nepal u dwar il-konsultazzjonijiet tekniċi mal-Federazzjoni Russa.

(6) L-EASA ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi tar-rapporti tal-awditjar imwettqa mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO") lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru, fil-qafas tal-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza tal-ICAO. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri ġew mistiedna biex jagħtu prijorità lill-ispezzjonijiet fir-rampa ta' kumpaniji tal-ajru li ngħataw liċenzja minn Stati li għalihom l-ICAO identifikat Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza jew li fir-rigward tagħhom l-EASA kkonkludiet li hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza. Minbarra l-konsultazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa tipprovdi aktar informazzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru li ngħataw il-liċenzja f'dawk il-pajjiżi terzi.

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

(7) L-EASA infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu skont il-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA") f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([1]).

(8) Barra minn hekk, l-EASA infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li twettqu f'pajjiżi terzi milquta minn miżuri jew minn rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. L-EASA pprovdiet informazzjoni dwar il-pjanijiet u t-talbiet għal aktar assistenza teknika u kooperazzjoni biex titjieb il-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili, bil-għan li jiġi solvut in-nuqqas ta' konformità mal-istandards applikabbli tal-avjazzjoni ċivili internazzjonali. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrispondu għal talbiet bħal dawn fuq bażi bilaterali b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EASA. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni saħqet dwar kemm huwa utli li tingħata informazzjoni lill-komunità tal-avjazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-bażi tad-dejta "Safety Collaborative Assistance Network" tal-ICAO, dwar l-assistenza teknika pprovduta mill-Unjoni u mill-Istati Membri biex titjieb is-sikurezza tal-avjazzjoni madwar id-dinja.

(9) Il-Eurocontrol aġġorna lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar il-qagħda tal-funzjoni ta' twissija tal-SAFA u dwar l-istatistika attwali għall-messaġġi ta' twissija għal kumpaniji tal-ajru pprojbiti.

Il-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni

(10) Wara l-analiżi mill-EASA tal-informazzjoni li ħarġet minn spezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq inġenji tal-ajru ta' kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni jew minn spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li twettqu mill-EASA, kif ukoll minn spezzjonijiet u verifiki speċifiċi li twettqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, diversi Stati Membri ħadu ċerti miżuri ta' infurzar u infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar dawk il-miżuri. Ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar l-azzjonijiet li kien ħa fir-rigward tal-kumpanija tal-ajru *Blu Halkin Ltd*.

(11) L-Istati Membri tennew li kienu lesti jaġixxu kif meħtieġ jekk xi informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tal-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni mal-istandards xierqa tas-sikurezza.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Benin

(12) Mid-29 sal-31 ta' Marzu 2017, fil-Benin saret żjara tal-Unjoni fuq il-post biex titwettaq valutazzjoni tas-sikurezza. F'dik iż-żjara ħadu sehem esperti mill-Kummissjoni, mill-EASA u minn Stat Membru wieħed. Matul din iż-żjara, l-Agence Nationale de l'Aviation Civile tal-Benin (l-"ANAC Benin") uriet li għamlet progress kbir f'dawn l-aħħar snin fl-implimentazzjoni tal-istandards tal-ICAO u l-prattiki rakkomandati.

(13) L-ANAC Benin hija stabbilita bħala l-awtorità tal-avjazzjoni ċivili b'awtonomija finanzjarja u funzjonali mil-Liġi dwar l-avjazzjoni tal-Benin li kienet adottata fl-2013. L-evidenza tindika li l-ANAC Benin hija kapaċi żżomm u tinforza sistema regolatorja b'saħħitha u jidher li r-regolamenti nazzjonali jiġu kontinwament aġġornati meta jiġu adottati emendi ġodda tal-istandards tal-ICAO u l-prattiki rakkomandati jiġu adottati. Madankollu, matul din iż-żjara ġew identifikati ċerti oqsma fejn jista' jsir titjib, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħin meħtieġ għat-tlestija tal-proċess tal-emendar tar-regolamenti nazzjonali. L-ANAC Benin tat evidenza li ġie implimentat proċess sod għar-reklutaġġ u t-tahriġ tal-persunal tagħha. Billi l-għadd ta' spetturi kwalifikati għalkollox jeċċedi r-rekwiżiti fid-dawl tal-livell attwali ta' attivitajiet tal-avjazzjoni fil-Benin, l-ANAC Benin ikkonkludiet programmi ta' skambju tal-ispetturi tagħha mal-pajjiżi ġirien tagħha.

(14) Matul iż-żjara, l-ANAC Benin ipprovdiet evidenza li ċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji tal-ajru ssir f'konformità mal-proċess tal-ICAO u li l-attivitajiet kollha jiġu ddokumentati sew. Filwaqt li l-evidenza tindika li l-ANAC Benin għandha l-kapaċitajiet biex tissorvelja l-attivitajiet tal-avjazzjoni fil-Benin, l-effettività ta' dawk l-attivitajiet ta' sorveljanza tista' tkun saħansitra aħjar jekk dawn jibbażaw ruħhom aktar fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni tar-riskju tas-sikurezza solida.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

(15) Fis-26 ta' April 2017, l-ANAC Benin ippreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru l-azzjonijiet korrettivi meħuda biex jindirizzaw l-osservazzjonijiet li saru waqt iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni. L-ANAC Benin infurmathom ukoll dwar għadd ta' miżuri li ħadet biex tkompli ttejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni fil-Benin. Dawk il-miżuri jinkludu t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-elementi kritiċi tas-sorveljanza tas-sikurezza, kif ukoll il-konklużjoni ta' għadd ta' arranġamenti ta' ħidma ma' awtoritajiet ta' pajjiżi oħra għall-provvista ta' aktar spetturi jekk il-livell tal-operazzjonijiet ikun jeħtieġ dan.

(16) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli bħalissa, inklużi r-riżultati taż-żjara li saret f'Marzu 2017, il-Kummissjoni tqis li l-ANAC Benin għamlet titjib dejjiem fuq perjodu ta' żmien kontinwu. Huwa rrikonoxxut ukoll li ma kienx hemm nuqqas ta' rieda min-naħa tal-ANAC Benin li tiddjaloga fuq bażi kontinwa mal-Kummissjoni. L-informazzjoni disponibbli twassal għall-konklużjoni li l-ANAC Benin għandha l-kapaċità li żżomm mar-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tas-sorveljanza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Benin.

(17) Għaldaqstant, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni jeħtieġ li tiġi emendata biex il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Benin jitneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(18) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fil-Benin, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(19) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Bolivja

(20) Ma ġewx identifikati problemi kbar tas-sikurezza għat-trasportaturi tal-ajru rreġistrati fil-Bolivja f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, l-inċident fatali tat-trasportatur bl-ajru *LaMia*, fid-29 ta' Novembru 2016, qajjem tħassib dwar il-mod li bih l-awtoritajiet tal-Bolivja qed iwettqu s-sorveljanza tas-sikurezza fuq il-kumpaniji tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

(21) Fit-23 ta' Marzu 2017, saret laqgħa ta' konsultazzjoni teknika bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-EASA, u ta' Stat Membru u r-rappreżentanti għolja mid-Direttorat Ġenerali tal-Bolivja għall-Avjazzjoni Ċivili ("DGAC"). Matul din il-laqgħa, id-DGAC spjega l-bidliet f'termini ta' riorganizzazzjoni u l-pjanijiet tiegħu biex jimplimenta kultura tas-sikurezza b'saħħitha, biex tiġi stabbilita sistema tas-sikurezza globali u transsettorjali, biex tinħoloq bażi tad-dejta komprensiva tas-sikurezza li tiffoka fuq ir-riskji u biex jittejbu l-proċeduri tas-sorveljanza u t-taħriġ tal-persunal tiegħu.

(22) Id-DGAC spjega li, anki qabel ma seħħ l-inċident ta' *LaMia*, il-gvern Bolivjan kien adotta deċiżjonijiet biex itejjeb l-istruttura maniġerjali tad-DGAC sabiex jissaħħaħ il-karattru ċivili tad-DGAC *vis-à-vis* l-approċċ militari preċedenti. Barra minn hekk, il-gvern bħalissa qed jinvesti f'mekkaniżmi sabiex itejbu s-sorveljanza tas-sikurezza u jimmodifikaw il-qafas legali nazzjonali biex id-DGAC jkun jista' jieħu miżuri effikaċi ta' infurzar fejn ikun meħtieġ. Dawn il-miżuri juru r-rieda tal-awtoritajiet Bolivjani biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom tas-sorveljanza tas-sikurezza, għalkemm l-effikaċja tagħhom se tiddependi minn kif jiġu implimentati u għad hemm lok konsiderevoli għall-awtoritajiet Bolivjani biex ikomplu jsaħħu l-kapaċitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tad-DGAC.

(23) Fuq talba tal-Kummissjoni u wara l-laqgħa ta' konsultazzjoni teknika, id-DGAC ipprovda informazzjoni utli dwar il-liċenzjar, l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza u dwar il-kwalifiku u t-taħriġ tal-persunal responsabbli mis-sorveljanza tas-sikurezza. Id-DGAC ipprovda wkoll informazzjoni dwar l-aċċidenti u l-inċidenti serji li seħħew fl-2016 u l-2017.

(24) Fuq il-bażi tal-informazzjoni attwalment disponibbli, inkluża l-informazzjoni pprovduta matul u wara l-laqgħa ta' konsultazzjoni teknika tat-23 ta' Marzu 2017, huwa vvalutat li bħalissa m'hemm l-ebda nuqqas ta' kapaċità jew rieda min-naħa tad-DGAC tal-Bolivja biex jindirizza kwalunkwe nuqqasijiet tas-sikurezza.

(25) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-ħin m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni billi jiġu inklużi l-kumpaniji tal-ajru mill-Bolivja.

(26) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fil-Bolivja, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(27) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Indja

(28) Fit-28 ta' Marzu 2017, saret laqgħa ta' konsultazzjoni teknika bejn il-Kummissjoni, l-EASA, l-Istati Membri u r-rappreżentanti mid-Direttorat Ġenerali tal-Indja għall-Avjazzjoni Ċivili ("DGCA tal-Indja"). Dik il-laqgħa saret fil-kuntest ta' ftehim preċedenti mad-DGCA tal-Indja, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006, li jitwettqu konsultazzjonijiet tekniċi regolari mal-Kummissjoni sabiex jiġu diskussi l-obbligi tad-DGCA tal-Indja fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u tas-sorveljanza tal-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati minnu.

(29) Matul dik il-laqgħa, id-DGCA tal-Indja pprovda informazzjoni dwar l-analiżi tiegħu dwar il-prestazzjoni skont il-Programm SAFA tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Indja, inkluż tqabbil tad-dejta tal-prestazzjoni mill-2016 u mill-2017 u informazzjoni speċifika dwar is-sorveljanza tal-kumpanija tal-ajru *Air India*, iċċertifikata fl-Indja. Id-DGCA tal-Indja pprovda wkoll informazzjoni dwar l-iżviluppi rigward il-kapaċità tas-sorveljanza tiegħu, inkluż l-iżvilupp ta'"bażi tad-dejta tal-spezzjonijiet fir-rampa".

(30) Matul dik il-laqgħa, il-Kummissjoni tenniet lid-DGCA tal-Indja għadd ta' elementi fir-rigward tal-obbligi taċ-ċertifikazzjoni u tas-sorveljanza tiegħu. B'mod partikolari, filwaqt li semmiet il-mod trasparenti li bih id-DGCA tal-Indja pprovda informazzjoni marbuta mas-sikurezza lill-Kummissjoni, huwa enfasizza l-importanza tal-iżvilupp kontinwu tal-kapaċità taċ-ċertifikazzjoni u tas-sorveljanza tad-DGCA tal-Indja, inkluż ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal tekniku, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu żviluppati għodod li jippermettu t-traċċar u l-monitoraġġ sistematiku tas-sorveljanza tas-sikurezza.

(31) Fuq il-bażi tal-informazzjoni attwalment disponibbli, inkluża l-informazzjoni pprovduta mid-DGCA tal-Indja fil-laqgħa ta' konsultazzjoni teknika tat-28 ta' Marzu 2017, huwa vvalutat li bħalissa m'hemm l-ebda nuqqas ta' kapaċità jew rieda min-naħa tad-DGAC tal-Indja biex jindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza.

(32) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex isiru emendi għal-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni billi jiġu inklużi kumpaniji tal-ajru mill-Indja.

(33) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fl-Indja, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(34) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Indoneżja

(35) Il-konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u d-Direttorat Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Indoneżja (id-"DGCA tal-Indoneżja") se jissoktaw bl-għan li jiġi ssorveljat il-progress tad-DGCA tal-Indoneżja biex ikun żgurat li s-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Indoneżja tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. F'dak il-kuntest, permezz tal-ittra tas-16 ta' Marzu 2017, id-DGCA tal-Indoneżja pprovda informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni u aġġornament dwar l-istatus tal-avjazzjoni u l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-Indoneżja.

(36) Id-DGCA tal-Indoneżja pprovda informazzjoni għall-perjodu minn Novembru 2016 sa Marzu 2017, fuq il-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Indoneżja, is-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawk il-kumpaniji tal-ajru, l-azzjonijiet ta' infurzar li ttieħdu mid-DGCA tal-Indoneżja, l-iżvilupp ta' regolamenti tal-avjazzjoni tal-Indoneżja, lista tal-inċidenti serji li ġraw matul dak il-perjodu u l-assistenza teknika pprovduta mid-DGCA tal-Indoneżja.

(37) Fil-perjodu minn Novembru 2016 sa Marzu 2017, l-ebda kumpanija tal-ajru ġdida ma ġiet iċċertifikata u l-ebda ċertifikat tal-operazzjoni tal-ajru ma ġie rrevokat mid-DGCA tal-Indoneżja. Fl-ittra tas-16 ta' Marzu 2017, id-DGCA tal-Indoneżja qal li l-prijorità ewlenija tiegħu hija t-tħejjija għall-Missjoni Koordinata ta' Validazzjoni tal-ICAO ("ICVM") li se ssir f'Ottubru 2017. Ir-riżultati ta' din l-ICVM mistennija jagħtu indikazzjoni tajba tal-iżvilupp tas-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza fl-Indoneżja. Id-DGCA tal-Indoneżja ma tax evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru li bħalissa huma inklużi fil-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni hija żgurata f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(38) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex isiru emendi għal-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni billi jiġu inklużi jew billi jitneħħew kumpaniji tal-ajru mill-Indoneżja.

(39) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fl-Indoneżja, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Il-kumpaniji tal-ajru mil-Libja

(40) Fis-6 ta' Marzu 2017, saret laqgħa ta' konsultazzjoni teknika bejn il-Kummissjoni, l-EASA, Stat Membru u l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Libja ("LYCAA").

(41) Matul dik il-laqgħa, il-LYCAA pprovdiet informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħha, inklużi l-pjanijiet tagħha f'dak li jikkonċerna r-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal tekniku, u l-approċċ strateġiku tagħha għall-iżvilupp teknoloġiku fil-kuntest tal-bini tal-kapaċità tas-sikurezza tal-avjazzjoni. L-LYCAA tenniet li, fil-limiti ta' ambjent operattiv diffiċli, hija timpenja ruħha li twettaq l-obbligi internazzjonali tagħha fir-rigward tas-sikurezza tal-avjazzjoni.

(42) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi li qed isiru mit-tmexxija tal-LYCAA u l-fatt li l-LYCAA verament qed turi impenn biex tikkoopera mal-Kummissjoni, sabiex jiġu pprovduti aġġornamenti dwar l-istatus tal-obbligi tagħha ta' sorveljanza.

(43) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota l-isfida tal-ambjent operazzjonali kontinwu fil-Libja u l-konsegwenzi għal-LYCAA rigward l-abilità tagħha li taqdi l-obbligi tagħha ta' sorveljanza tas-sikurezza. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli kollha, fil-preżent il-Libja ma tistax tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha fir-rigward tas-sikurezza tal-avjazzjoni.

(44) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li fil-preżent m'hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-Unjoni tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mil-Libja.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Mozambique

(45) Mis-6 sal-10 ta' Frar 2017, fil-Mozambique saret żjara tal-Unjoni fuq il-post biex titwettaq valutazzjoni tas-sikurezza. F'dik iż-żjara ħadu sehem esperti mill-Kummissjoni, mill-EASA u mill-Istati Membri. Waqt dik iż-żjara, l-Istitut tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Mozambique (l-"IACM") wera li kien għamel progress konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin. L-IACM għamel enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-istandards tal-ICAO u l-prattiki rakkomandati. L-ICAM għandu approċċ tradizzjonali fir-rigward tas-sikurezza tal-avjazzjoni bbażat fuq il-konformità u reċentement beda jimplimenta tekniki kontemporanji ta' ġestjoni tas-sikurezza fl-avjazzjoni, inkluż Programm tal-Istat għas-Sikurezza.

(46) Wara ż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post preċedenti tal-Unjoni f'April 2015, sar progress sinifikanti bl-introduzzjoni tal-liġi tal-avjazzjoni l-ġdida fil-Mozambique u l-istatut il-ġdid tal-IACM. Wara l-adozzjoni tal-liġi l-ġdida dwar l-avjazzjoni, ħafna regolamenti addizzjonali u r-rekwiżiti oħra, kif ukoll manwali u proċeduri, issa qegħdin jiġu aġġornati biex jinġiebu f'konformità mal-liġi tal-avjazzjoni l-ġdida u mal-aħħar emendi tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. In-numru tal-persunal tal-IACM żdied u hemm iktar spetturi kwalifikati għalkollox disponibbli biex jissorveljaw l-attivitajiet tal-avjazzjoni fil-Mozambique. Qed jiġu mħarrġa aktar spetturi u l-pjan tal-persunal attwali huwa biżżejjed għal-livell tal-attivitajiet tal-avjazzjoni tal-Mozambique. Il-faċilitajiet tal-IACM tjiebu wkoll. L-IACM hu stabbilit bħala awtorità tal-avjazzjoni ċivili b'awtonomija amministrattiva, finanzjarja, patrimonjali u funzjonali.

(47) L-evidenza tindika li l-IACM għandu l-kapaċitajiet biex jissorvelja l-attivitajiet tal-avjazzjoni fil-Mozambique u biex iżżomm sistema regolatorja tajba u li l-IACM jimplimenta u jinforza r-regolamenti tal-avjazzjoni eżistenti, sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas tas-sikurezza. Is-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza hija stabbilita sewwa fil-Mozambique, għalkemm għad hemm xi attivitajiet għaddejjin biex ikomplu jtejbu s-sistema u biex jiżguraw li huma konformi mal-emendi reċenti li saru fl-isstandards internazzjonali tas-sikurezza.

(48) Biex jittieħed kampjun rilevanti, saret żjara fi tliet kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Mozambique waqt iż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post, jiġifieri l-akbar żewġ kumpaniji tal-ajru tal-Mozambique u kumpanija tal-ajru li topera l-helikopters. B'riżultat taż-żjarat f'dawn it-tliet kumpaniji tal-ajru ġie osservat li żviluppaw sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità u tas-sikurezza, li għandhom kontroll tal-manutenzjoni u tal-ajrunavigabbiltà kontinwa u li jwettqu operazzjonijiet f'konformità mar-regolamenti applikabbli fil-Mozambique. L-istandards internazzjonali tas-sikurezza jiġu implimentati mill-kumpaniji tal-ajru u l-kumpaniji tal-ajru għandhom il-kapaċità u wrew rieda li jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-sikurezza.

(49) Fis-17 ta' Marzu 2017, saret laqgħa ta' konsultazzjoni teknika bejn il-Kummissjoni, l-EASA u l-IACM. L-IACM aġġorna lill-Kummissjoni dwar il-progress li sar mindu saret iż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post u ġie maqbul li l-IACM se jipprovdi aktar informazzjoni dwar l-azzjonijiet korrettivi meħuda fir-rigward tal-osservazzjonijiet li saru matul iż-żjara. L-IACM spjega li uża dawk l-osservazzjonijiet sabiex isemmi s-sejbiet mal-kumpaniji tal-ajru kkonċernati u li talab li jsiru azzjonijiet korrettivi mingħand l-operaturi.

(50) Fil-21 ta' April 2017, l-IACM ipprovda informazzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni korrettiva tiegħu u dak ta' tliet kumpaniji tal-ajru li saritilhom żjara waqt iż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post, inkluż dwar ir-riżoluzzjoni ta' dawk is-sejbiet imsemmija mill-IACM. Il-pjan ta' azzjoni korrettiva jindirizza b'mod xieraq l-osservazzjonijiet li saru matul iż-żjara u jinkludi skedi ta' żmien realistiċi. L-evidenza ta' sostenn ipprovduta hija rilevanti għar-riżoluzzjoni tas-sejbiet.

(51) L-IACM u l-ikbar kumpanija tal-ajru rreġistrata fil-Mozambique, *Linhas Aéreas de Moçambique*, ingħataw l-opportunità ta' smigħ fis-26 ta' April 2017 quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru f'konformità mal-Artikolu 7 mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(52) Waqt is-seduta, ir-rappreżentant tal-gvern tal-Mozambique esprima l-impenn qawwi minn dan il-gvern biex tittejjeb is-sikurezza tat-trasport fil-Mozambique b'mod ġenerali u b'mod partikolari biex tittejjeb kontinwament l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni.

(53) Matul is-seduta, l-IACM ipprovda informazzjoni fuq is-settur tal-avjazzjoni fil-Mozambique u l-kapaċitajiet tal-IACM bħala awtorità tal-avjazzjoni ċivili awtonoma. Din l-informazzjoni inkludiet dettalji dwar l-organizzazzjoni tiegħu, il-mekkaniżmi ta' finanzjament, l-għadd ta' spetturi tas-sorveljanza tas-sikurezza, l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni u tar-regolamenti u l-ippjanar futur tal-IACM.

(54) Matul is-seduta, il-*Linhas Aéreas de Moçambique* pprovdiet informazzjoni dwar il-flotta preżenti tagħha u l-objettivi tagħha għas-snin li ġejjin. Spjegat li qed tikkonċentra fuq l-iżvilupp tar-rotot tagħha fis-suq domestiku u f'dak reġjonali. Il-*Linhas Aéreas de Moçambique* ipprovdiet ukoll tagħrif dwar is-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza tagħha.

(55) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli, inkluż ir-riżultati taż-żjara tal-Unjoni fuq il-post biex titwettaq valutazzjoni tas-sikurezza u tal-informazzjoni pprovduta waqt is-smigħ tas-26 ta' April 2017, jitqies li l-IACM għamel titjib sostnut fuq perjodu kontinwu ta' żmien. Huwa wkoll rikonoxxut li l-IACM wera li hu lest li jimpenja ruħu fuq bażi kontinwa mal-Kummissjoni. Ġie vvalutat li l-IACM għandu l-kapaċità li jżomm mar-responsabbiltajiet tiegħu fir-rigward tas-sorveljanza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Mozambique. Waqt is-smigħ, il-gvern tal-Mozambique impenja ruħu li jidħol bis-sħiħ fi djalogu kontinwu dwar is-sikurezza mal-Kummissjoni, inkluż permezz ta' laqgħat addizzjonali, jekk u meta dan jitqies li jkun meħtieġ mill-Kummissjoni.

(56) Għaldaqstant, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li l-lista tal-Unjoni tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni jeħtieġ li tiġi emendata biex il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Mozambique jitneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(57) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fil-Mozambique, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(58) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru min-Niġerja

(59) Fil-25 ta' Novembru 2015, il-kumpanija tal-ajru *Med-View Airline*, iċċertifikata fin-Niġerja, applikat għand l-EASA għal awtorizzazzjoni ta' Operatur minn Pajjiż Terz ("TCO"). L-EASA vvalutat l-applikazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 u qajmet tħassib fundamentali dwar il-*Med-View Airline* li naqset milli turi konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 452/2014. Għaldaqstant, l-EASA kkonkludiet li valutazzjoni ulterjuri ma kinitx se twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' TCO għal *Med-View Airline* għaliex din ma kinitx tissodisfa dawk ir-rekwiżiti. Għalhekk, fis-17 ta' Novembru 2016, l-EASA rrifjutat l-applikazzjoni minħabba raġunijiet ta' sikurezza

(60) Fl-24 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mingħand l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Niġerjana ("NCAA") dwar il-miżuri li ttieħdu wara li l-EASA ċaħdet l-applikazzjoni ta' TCO li saret mill-*Med-View Airline*. Fl-ittra tagħha tat-22 ta' Marzu 2017 lill-Kummissjoni, l-NCAA ma pprovdietx l-informazzjoni neċessarja biex ikun żgurat li l-azzjonijiet li ttieħdu kienu adatti biex jindirizzaw, min-naħa tal-NCAA, it-tħassib imqajjem mill-EASA hija u tevalwa l-applikazzjoni għal TCO tal-*Med-View Airline*.

(61) Fl-10 u fl-24 ta' April 2017, il-*Med-View Airline* ipprovdiet lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-miżuri korrettivi li ttieħdu sabiex jiġi indirizzat it-tħassib imqajjem mill-EASA.

(62) Kemm l-NCAA kif ukoll il-*Med-View Airline* ngħataw l-opportunità ta' smigħ fil-25 ta' April 2017 quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru f'konformità mal-Artikolu 7 mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(63) Matul din is-seduta, l-NCAA pprovdiet biss informazzjoni limitata dwar elementi bħad-data tal-istabbiliment tagħha, ir-riżultati tal-awditi tal-ICAO fl-2006 u f'Marzu 2016, l-istatus tagħha skont il-programm tal-Valutazzjoni Internazzjonali tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-FAA, l-għadd tal-operazzjonijiet ta' titjir u tal-ispetturi tal-ajrunavigabbiltà u n-numru ta' detenturi taċ-ċertifikat ta' operatur tal-ajru fin-Niġerja. It-tweġibiet tal-NCAA għall-mistoqsijiet dwar il-kapaċità tagħha li tidentifika u tissorvelja n-nuqqasijiet tas-sikurezza indikaw li din il-kapaċità mhijiex adegwata. Huwa meqjus li l-NCAA teħtieġ tieħu miżuri sabiex ittejjeb il-kwalità meħtieġa tas-sorveljanza tas-sikurezza fuq il-kumpaniji tal-ajru li hija responsabbli għalihom.

(64) Matul is-seduta, hija u telabora fuq l-informazzjoni li kienet ipprovdiet qabel, il-*Med-View Airline* għarrfet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru dwar il-miżuri korrettivi li ttieħdu sabiex jiġi indirizzat it-tħassib serju identifikat mill-EASA bħala parti mill-valutazzjoni tas-sikurezza tat-TCO tagħha, bħal operazzjonijiet ta' titjir barra mill-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru approvat u l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet assoċjati, il-kontroll tal-ajrunavigabbiltà u tal-manutensjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà u s-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza u tal-kwalità. Madankollu, il-*Med-View Airline* wriet nuqqas ċar ta' għarfien u komprensjoni dwar is-serjetà tat-tħassib dwar is-sikurezza imqajjem mill-EASA. Barra minn hekk, il-miżuri meħuda minn *Med-View Airline* juru nuqqas ta' analiżi xierqa tal-kawżi ewlenin u nuqqas ta' pjan ta' azzjoni korrettiva xieraq biex ma jerġax ikun hemm l-istess nuqqasijiet ta' konformità li wasslu għal dan it-tħassib jew oħrajn simili.

(65) L-informazzjoni disponibbli fil-preżent, ibbażata fuq is-sejbiet tal-valutazzjoni tas-sikurezza tat-TCO tal-EASA flimkien mal-informazzjoni ppreżentata mill-NCAA u minn *Med-View Airline*, turi li hemm evidenza ta' nuqqasijiet ta' sikurezza serji min-naħa tal-*Med-View Airline*. L-informazzjoni turi wkoll lill-*Med-View Airline* mhijiex kapaċi tindirizza dawk in-nuqqasijiet ta' sikurezza, kif muri, *inter alia* mill-pjan ta' azzjoni korrettiv mhux adatt u mhux suffiċjenti li ppreżentat bħala tweġiba għas-sejbiet tal-valutazzjoni ta' sikurezza tat-TCO.

(66) Għaldaqstant, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni operattiva fl-Unjoni tiġi emendata biex il-kumpanija tal-ajru *Med-View Airline* tiġi inkluża fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(67) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fil-Mozambique, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(68) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Pakistan

(69) Permezz ta' ittra tat-23 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Pakistan ("PCAA") biex tipprovdi informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' segwitu tagħha rigward l-inċident tas-7 ta' Diċembru 2016 bl-inġenju tal-ajru ATR tal-kumpanija tal-ajru *Pakistan International Airlines Corporation Ltd*, iċċertifikata fil-Pakistan. F'dik l-ittra, il-Kummissjoni nnotat ukoll, li fit-13 ta' Jannar 2016, l-EASA rrifjutat l-applikazzjoni ta' TCO li saret mit-trasportatur tal-merkanzija bl-ajru *AHS International (Pvt) Ltd*, iċċertifikat ukoll fil-Pakistan, minħabba raġunijiet ta' sikurezza. Barra minn hekk, f'dik l-ittra l-Kummissjoni indikat li beħsiebha tissokta bil-konsultazzjonijiet uffiċjali tagħha mal-PCAA, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(70) Fit-18 ta' April 2017, saret laqgħa ta' konsultazzjoni teknika bejn il-Kummissjoni, l-EASA, Stat Membru u rappreżentanti mill-PCAA. Matul dik il-laqgħa, il-PCAA pprovdiet informazzjoni, inkluża ħarsa ġenerali lejn l-obbligi tagħha ta' sorveljanza u ċertifikazzjoni u sommarju tad-dejta tal-ispezzjonijiet għall-perjodu mill-2011 sal-2016. B'mod partikolari, f'dik il-laqgħa ġew diskussi r-responsabbiltajiet tal-PCAA rigward is-sorveljanza tas-sikurezza tal-*Pakistan International Airlines Corporation Ltd*.

(71) Matul dik il-laqgħa, il-Kummissjoni ikkomunikat lill-PCAA għadd ta' elementi fir-rigward tal-obbligi ta' ċertifikazzjoni u ta' sorveljanza tagha. B'mod partikolari, filwaqt li jitqies il-mod trasparenti li bih il-PCAA ipprovdiet l-informazzjoni relatata mas-sikurezza lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni enfasizzat li l-PCAA jeħtieġ tagħti attenzjoni xierqa lit-titjib kontinwu tas-sistemi tas-sikurezza tiegħu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkomunikat lill-PCAA li hija mistennija li tkun kompletament konxja mir-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 u l-implikazzjonijiet relatati għall-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Pakistan.

(72) Fuq il-bażi tal-informazzjoni attwalment disponibbli, inkluża l-informazzjoni pprovduta mill-PCAA fil-laqgħa ta' konsultazzjoni teknika tat-18 ta' April 2017, huwa vvalutat li bħalissa m'hemm l-ebda nuqqas ta' kapaċità jew rieda min-naħa tal-PCAA biex tindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza.

(73) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-ħin m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni billi jiġu inklużi l-kumpaniji tal-ajru mill-Pakistan.

(74) L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fil-Pakistan, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(75) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità mal-standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mir-Russja

(76) Matul l-aħħar sitt xhur, il-Kummissjoni, l-EASA u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri komplew jissorveljaw mill-qrib il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fir-Russja u li joperaw fl-Unjoni, inkluż permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq ċerti kumpaniji tal-ajru Russi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(77) Fis-17 ta' Marzu 2017, rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-EASA u ta' Stat Membru, iltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Aġenzija Federali tat-Trasport tal-Ajru Russa ("FATA"). L-għan tal-laqgħa kien li jsir rieżami tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fir-Russja abbażi tar-rapporti dwar l-ispezzjoni fir-rampa għall-perjodu bejn il-11 ta' Marzu 2016 u l-10 ta' Marzu 2017 u li jiġu identifikati każijiet fejn l-attivitajiet ta' sorveljanza mill-FATA għandhom jiġu msaħħa.

(78) Waqt dik il-laqgħa, il-Kummissjoni eżaminat mil-ġdid ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA ta' sitt kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fir-Russja f'iktar dettall. Filwaqt li l-ebda tħassib dwar is-sikurezza ma ġie identifikat, il-FATA infurmat lill-Kummissjoni li, minħabba n-numru limitat ta' spezzjonijiet imwettqa fuq xi whud mill-kumpaniji tal-ajru, se jsiru iktar spezzjonijiet fit-tliet xhur li ġejjin fuq tnejn minn dawn il-kumpaniji tal-ajru.

(79) Fuq il-bażi tal-informazzjoni attwalment disponibbli, inkluża l-informazzjoni pprovduta mill-FATA fil-laqgħa ta' konsultazzjoni teknika tas-17 ta' Marzu 2017, huwa vvalutat li bħalissa m'hemm l-ebda nuqqas ta' kapaċità jew rieda min-naħa tal-FATA biex jindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kinitx meħtieġa seduta ta' smigħ quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni Russi jew ta' kwalunkwe kumpanija tal-ajru ċċertifikata fir-Russja.

(80) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-ħin, m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex tinkludi l-kumpaniji tal-ajru mir-Russja.

(81) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fir-Russja, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(82) Jekk dawk l-ispezzjonijiet jindikaw riskju imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata li tieħu azzjoni kontra l-kumpaniji tal-ajru mir-Russja, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Kumpaniji tal-ajru minn Saint Vincent u l-Grenadini

(83) Fis-16 ta' April 2015, il-kumpanija tal-ajru *Mustique Airways*, irreġistrata f'Saint Vincent u l-Grenadini, applikat għal awtorizzazzjoni ta' TCO mal-EASA. L-EASA vvalutat l-applikazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 452/2014 u qajmet tħassib fundamentali rigward in-nuqqas mill-*Mustique Airways*, li turi konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 452/2014. Għaldaqstant, l-EASA kkonkludiet li valutazzjoni ulterjuri ma kinitx se twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' TCO għall-*Mustique Airways*, għaliex din ma kinitx tissodisfa dawk ir-rekwiżiti. Għalhekk, fl-4 ta' Ottubru 2016, l-EASA rrifjutat l-applikazzjoni ta' TCO minħabba raġunijiet ta' sikurezza.

(84) Fit-30 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti ta' Saint Vincent u l-Grenadini, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Karibew tal-Lvant ("ECCAA") dwar il-miżuri li ttieħdu wara r-rifjut mill-EASA tal-applikazzjoni tat-TCO li saret mill-*Mustique Airways*. Fl-24 ta' Frar 2017, l-ECCAA infurmat lill-Kummissjoni li il-*Mustique Airways* kienet reġgħet applikat mal-EASA għal awtorizzazzjoni ta' TCO fit-2 ta' Frar 2017, għar-raġuni li, skont il-*Mustique Airways*, il-kwistjonijiet marbuta mas-sikurezza li wasslu għaċ-ċaħda mill-EASA setgħu jiġu solvuti b'mod sodisfaċenti.

(85) Peress li la l-*Mustique Airways* u lanqas l-ECCAA ma pprovdew l-ebda evidenza li l-kwistjonijiet ta' sikurezza li jirriżultaw mill-valutazzjoni tas-sikurezza tat-TCO mill-EASA fil-fatt kienet ġiet solvuta, kemm l-ECCAA u kif ukoll il-*Mustique Airways* ġew mogħtija l-opportunità li jinstemgħu mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fis-26 ta' April 2017 skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(86) L-awtorità ma weġbitx għall-istedina għas-smigħ u ma pparteċipatx fis-smigħ. Bl-istess mod, l-ECCAA ma pprovdietx informazzjoni dwar il-miżuri meħuda minħabba s-sejbiet tat-TCO fir-rigward tal-*Mustique Airways* jew tal-attivitajiet ta' superviżjoni tagħha.

(87) Fl-24 ta' April 2017 saret laqgħa teknika tal-EASA mal-*Mustique Airways* biex tiġi diskussa l-applikazzjoni mill-ġdid tagħha. Fid-dawl tal-perjodu qasir ta' żmien bejn din il-laqgħa u s-seduta tas-smigħ, ma kienx possibbli li l-EASA twettaq valutazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni mill-ġdid. Madankollu, l-EASA kienet f'pożizzjoni li tikkonferma lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru li l-kawżi bażiċi prinċipali li wasslu għan-nuqqasijiet serji u ripetuti fil-qasam tas-sikurezza li l-EASA kienet identifikat fl-ewwel valutazzjoni tat-TCO, għadhom preżenti.

(88) Waqt is-seduta tas-26 ta' April 2017, il-*Mustique Airways* ipprovdiet informazzjoni dwar in-negozju u l-faċilitajiet tal-kumpanija u, sa ċertu punt biss, fuq l-aspetti marbuta mas-sikurezza. L-informazzjoni pprovduta mill-*Mustique Airways* dwar il-progress li sar fir-rigward tal-iżvilupp ta' sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza u tal-kwalità tagħha indikat li dawn mhumiex żviluppati biżżejjed. Filwaqt li r-rieda tal-*Mustique Airways* biex timpenja ruħha fi djalogu aktar effettiv mal-EASA dwar l-applikazzjoni mill-ġdid mill-*Mustique Airways* għal awtorizzazzjoni ta' TCO intlaqgħet b'sodisfazzjon, instab li elementi essenzjali tas-sikurezza, bħal sistema bażika tal-ġestjoni tas-sikurezza, mhumiex preżenti. Barra minn hekk, il-*Mustique Airways* uriet nuqqas ta' għarfien u fehim tan-natura serja tas-sejbiet li qajmet l-EASA. Finalment, deher ċar li l-kultura tas-sikurezza tal-kumpanija tal-ajru hija ta' natura reattiva aktar milli ta' natura proattiva.

(89) L-informazzjoni disponibbli attwalment, inkluż dik ipprovduta mill-EASA fil-qafas tal-applikazzjoni tat-TCO irrifjutata tal-*Mustique Airways*, u fil-qafas tal-applikazzjoni mill-ġdid li għaddejja, kif ukoll l-informazzjoni kollha pprovduta mill-kumpanija tal-ajru *Mustique Airways*, turi li hemm evidenza ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza minnaħa tal-*Mustique Airways*. Bħalissa, il-*Mustique Airways* mhijiex kapaċi biżżejjed tindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza tagħha. Fil-fatt, l-azzjonijiet ta' sikurezza tagħha li huma għaddejjin fil-bidċa l-kbira għadhom fl-istadju ta' żvilupp, u l-pjan ta' azzjoni korrettiva li l-*Mustique Airways* ippreżentat bi tweġiba għas-sejbiet identifikati waqt il-valutazzjoni tas-sikurezza tat-TCO mhuwiex b'saħħtu biżżejjed, b'mod partikolari fir-rigward tal-analiżi tal-kawżi ewlenin meħtieġa.

(90) Għaldaqstant, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni operattiva fl-Unjoni tiġi emendata biex il-kumpanija tal-ajru *Mustique Airways* tiġi inkluża fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(91) L-Istati Membri jridu jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru fuq il-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati f'Saint Vincent u l-Grenadini skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(92) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mit-Tajlandja

(93) Fis-17 ta' Marzu 2017 saret laqgħa teknika bejn il-Kummissjoni, l-EASA u l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tat-Tajlandja ("CAAT"). Matul dik il-laqgħa, is-CAAT aġġornat lill-Kummissjoni dwar il-progress li sar minn Settembru 2016 'l hawn, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema tat-trasport bl-ajru fit-Tajlandja, il-pjan direzzjonali lejn il-konformità tas-CAAT lejn il-konformità u l-istatus attwali tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tagħha.

(94) L-elementi ewlenin tal-progress huma l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili l-ġdid tat-Tajlandja, li mistenni jidħol fis-seħħ fl-aħħar tliet xhur tal-2017, l-emenda tar-regolamenti tas-CAAT, l-organizzazzjoni aġġornata tagħha, il-mekkaniżmi ta' finanzjament sostenibbli u l-programm imtejjeb tal-persunal u tat-taħriġ tal-ispetturi tagħha. Il-proċessi, il-manwali u l-għodod tas-CAAT, inkluż is-sistema tal-IT ġew imtejba u l-programm ta' sorveljanza tas-sikurezza tagħha ġie aġġornat sabiex ikun hemm garanzija ta' sorveljanza sħiħa u kontinwa tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fit-Tajlandja. Is-CAAT ħolqot ukoll dipartiment tal-assigurazzjoni tal-kwalità, inkarigat mill-monitoraġġ tal-konformità tas-CAAT mal-istandards tas-sikurezza tal-avjazzjoni internazzjonali u nazzjonali.

(95) Is-CAAT tat ukoll informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-Programm għas-Sikurezza tal-Istat tagħha u s-sitwazzjoni fir-rigward tas-sejbiet imqajma matul il-verifika tal-ICAO f'Jannar 2015, inkluż Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza rigward iċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi tal-ajru bbażata fuq dawk is-sejbiet. Barra minn hekk, is-CAAT tat informazzjoni dwar il-progress li sar rigward il-pjan ta' sostenibilità tagħha u l-kooperazzjoni internazzjonali li s-CAAT hija involuta fiha.

(96) Element importanti tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tas-CAAT huwa ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-kumpaniji fit-Tajlandja, wara l-approċċ strutturat tal-ICAO b'ħames fażijiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji tal-ajru. Fi Frar 2017, l-ewwel waħda minn dawk il-kumpaniji tal-ajru li topera internazzjonalment ġiet tċċertifikata mill-ġdid u sal-aħħar ta' Ġunju 2017, is-CAAT tistenna li se tiċċertifika mill-ġdid 12-il kumpanija tal-ajru oħra involuti fit-trasport internazzjonali bl-ajru. Matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, is-CAAT ħadet miżuri ta' infurzar fir-rigward ta' ċerti applikanti għaċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid.

(97) Il-gvern tat-Tajlandja u s-CAAT urew impenn ċar biex itejbu s-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza fit-Tajlandja. Is-CAAT ipprovdiet evidenza li tul l-aħħar sitt xhur inkiseb progress relevanti. L-informazzjoni disponibbli bħalissa dwar is-sikurezza fuq il-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fit-Tajlandja ma tappoġġax deċiżjoni li jiġu imposti projbizzjoni jew restrizzjonijiet operazzjonali. Sabiex tiġi ssorveljata mill-qrib is-sitwazzjoni, se jibqgħu jsiru konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet tat-Tajlandja b'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(98) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet għala għandha tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mit-Tajlandja.

(99) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fit-Tajlandja skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(100) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi bl-ajru mill-Ukrajna

(101) Fid-29 ta' Awwissu 2014, il-kumpanija tal-ajru *International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, iċċertifikata fl-Ukrajna, applikat għal awtorizzazzjoni ta' TCO mal-EASA. L-EASA vvalutat l-applikazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 452/2014 u qajmet tħassib fundamentali rigward in-nuqqas mill-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"* li turi konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 452/2014. Għalhekk, l-EASA kkonkludiet li valutazzjoni ulterjuri ma kinitx se twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' TCO għall-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"* għaliex din ma kinitx tissodisfa dawk ir-rekwiżiti. Għalhekk, fis-15 ta' Settembru 2016, l-EASA rrifjutat l-applikazzjoni ta' TCO minħabba raġunijiet ta' sikurezza

(102) Fil-15 ta' Frar 2016, il-kumpanija tal-ajru *Air Company "Black Sea Airlines" LLC*, irreġistrata fl-Ukrajna applikat għal awtorizzazzjoni ta' TCO mal-EASA. L-EASA vvalutat l-applikazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 452/2014 u qajmet tħassib fundamentali rigward in-nuqqas mill-*Air Company "Black Sea Airlines" LLC*, li turi konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 452/2014. Għalhekk, l-EASA kkonkludiet li valutazzjoni ulterjuri ma kinitx se twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' TCO għall-*Air Company "Black Sea Airlines" LLC* għaliex din ma kinitx tissodisfa dawk ir-rekwiżiti. Għalhekk, fit-13 ta' Ottubru 2016, l-EASA rrifjutat l-applikazzjoni ta' TCO minħabba raġunijiet ta' sikurezza

(103) Fis-6 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-Ammistrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukrajna ("SAAU") dwar il-miżuri li ħadet wara r-rifjut mill-EASA tal-applikazzjonijiet ta' TCO magħmula mill-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"* u mill-*Air Company "Black Sea Airlines" LLC*. Dik l-ittra fetħet konsultazzjonijiet uffiċjali mas-SAAU, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006. Billi t-tħassib tas-sikurezza li jirriżulta mill-valutazzjoni tas-sikurezza ta' TCO mill-EASA ma ġiex solvut, is-SAAU, l-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"* u l-*Air Company "Black Sea Airlines" LLC* ingħataw l-opportunità li jinstemgħu fil-25 ta' April 2017 mill-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(104) Fit-3 ta' April 2017, is-SAAU rrevokat iċ-ċertifikat ta' operatur tal-ajru tal-*Air Company "Black Sea Airlines" LLC*. Din id-deċiżjoni temmet il-konsultazzjoni uffiċjali miftuħa fis-6 ta' Marzu 2017 fir-rigward ta' dik il-kumpanija tal-ajru.

(105) Is-SAAU u l-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"* nstemgħu mill-Kummissjoni u mill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru fil-25 ta' April 2017. Fost elementi oħra, is-SAAU rrappurtat li l-attivitajiet ta' sorveljanza fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fl-Ukrajna huma aġġustati mar-rekords SAFA kif ukoll bi kwalunkwe informazzjoni li ħarġet mill-proċess ta' awtorizzazzjoni ta' TCO. Is-SAAU pprovdiet ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' azzjonijiet possibbli fuq perjodu qasir bħas-sospensjoni, il-limitazzjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikat ta' operatur tal-ajru tal-kumpaniji tal-ajru b'reazzjoni għal ċaħda ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' TCO mill-EASA. Barra minn hekk, is-SAAU pprovdiet informazzjoni dwar azzjonijiet fit-tul bl-għan li jittejbu l-proċessi interni tagħha relatati mal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u ta' sorveljanza tagħha fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Ukrajna.

(106) Matul is-seduta, hija u telabora fuq l-informazzjoni li kienet ipprovdiet qabel, l-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"* tat informazzjoni oħra dwar il-miżuri korrettivi li ttieħdu sabiex jiġu indirizzati l-preokkupazzjonijiet serji identifikati mill-EASA bħala parti mill-valutazzjoni tas-sikurezza ta' TCO tagħha, bħall-ġestjoni kontinwa tal-ajrunavigabbiltà u l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet ta' manutenzjoni. Il-kumpanija tal-ajru rrapportat ukoll dwar awditu addizzjonali li sar f'Marzu 2017 minn entità privata biex jiġi ddeterminat l-istatus attwali tal-konformità tagħha mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni. Dak l-awditu kkonferma n-nuqqasijiet sistemiċi li kienu ġew identifikati preċedentement mill-EASA fis-sistema ta' dokumentazzjoni eżistenti tal-kumpanija tal-ajru.

(107) Matul is-seduta, l-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"* spjegat ukoll li kienet reġgħet applikat għal awtorizzazzjoni ta' TCO fid-19 ta' April 2017. Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru ħadu nota ta' dan u laqgħu b'sodisfazzjon il-konferma tal-kumpanija tal-ajru u anki tal-EASA li l-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni għat-TCO l-ġdida se tingħata l-attenzjoni kollha dovuta fi ħdan il-qafas tar-Regolament (UE) Nru 452/2014.

(108) L-informazzjoni disponibbli bħalissa, ibbażata fuq valutazzjoni tas-sikurezza ta' TCO mill-EASA tal-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, flimkien mal-informazzjoni pprovduta mis-SAAU u l-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, turi li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi biex jindirizzaw it-tħassib fil-qasam tas-sikurezza li tqajjem mill-EASA għadha mhix kompluta biżżejjed. Dik l-informazzjoni turi wkoll li l-kumpanija tal-ajru bħalissa mhijiex kapaċi tidentifika hi stess in-nuqqasijiet ta' konformità fil-proċessi u fl-attivitajiet kollha tagħha.

(109) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex il-kumpanija tal-ajru, l-*International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, tiġi inkluża fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(110) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fl-Ukrajna, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(111) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru miż-Żimbabwe

(112) Fit-12 ta' April 2016, il-kumpanija tal-ajru *Air Zimbabwe (Pvt) Ltd*, irreġistrata fiż-Żimbabwe, applikat għal awtorizzazzjoni ta' TCO mal-EASA. L-EASA vvalutat l-applikazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 452/2014 u qajmet tħassib fundamentali rigward in-nuqqas mill-*Air Zimbabwe Pvt Ltd*, li turi konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 452/2014. Għaldaqstant, l-EASA kkonkludiet li valutazzjoni ulterjuri ma kinitx se twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' TCO għall-*Air Zimbabwe Pvt Ltd*, għaliex din ma kinitx tissodisfa dawk ir-rekwiżiti. Għalhekk, fis-7 ta' Novembru 2016, l-EASA rrifjutat l-applikazzjoni ta' TCO minħabba raġunijiet ta' sikurezza

(113) Fit-3 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili taż-Żimbabwe ("CAAZ") dwar il-miżuri li ħadet wara r-rifjut mill-EASA tal-applikazzjoni ta' TCO tal-*Air Zimbabwe Pvt Ltd*. Dik l-ittra fetħet konsultazzjonijiet uffiċjali mas-CAAZ, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006. Billi t-tħassib dwar is-sikurezza tal-*Air Zimbabwe Pvt Ltd*, ma ġiex solvut, mill-valutazzjoni ta' sikurezza ta' TCO mill-EASA, kemm is-CAAZ u kemm l-*Air Zimbabwe Pvt Ltd* ingħataw l-opportunità ta' smigħ fis-26 ta' April 2017 quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(114) Waqt dak is-smigħ, fost elementi oħra, is-CAAZ tat informazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tagħha fir-rigward tal-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd*. Is-CAAZ tat sommarju tal-azzjonijiet meħuda f'rabta mar-rifjut minħabba raġunijiet ta' sikurezza mill-EASA tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni TCO mill-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd*. L-EASA tat informazzjoni dwar it-tħassib serju dwar is-sikurezza li kien il-bażi għad-deċiżjoni negattiva dwar it-TCO.

(115) Matul din is-seduta, l-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd* ipprovdiet informazzjoni dwar l-azzjonijiet korrettivi li ġew mibdija u li għadhom għaddejjin mindu l-applikazzjoni għal TCO ta' dik il-kumpanija tal-ajru kienet ġiet miċħuda mill-EASA. Madankollu, l-informazzjoni pprovduta mill-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd*, inklużi l-elementi dwar il-progress limitat li għamlet fir-rigward tal-iżvilupp tas-sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza u tal-kwalità tagħha, ma kinitx biżżejjed sabiex ittaffi t-tħassib imqajjem.

(116) L-informazzjoni disponibbli attwalment, inkluż l-informazzjoni marbuta mal-valutazzjoni tas-sikurezza TCO tal-EASA tal-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd*, flimkien mal-informazzjoni mogħtija mill-CAAZ u mill-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd*, juru biċ-ċar li hemm nuqqasijiet serji fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tal-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd*. L-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd* fil-preżent titqies li mhijiex kapaċi tindirizza dawk in-nuqqasijiet tas-sikurezza. Fil-fatt, l-azzjonijiet tas-sikurezza tal-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd* li għaddejjin, fil-biċċa l-kbira għadhom fl-istadju ta' żvilupp u l-pjan ta' azzjoni korrettiva li l-*Air Zimbabwe (Pvt) Ltd* ippreżentat bi tweġiba għas-sejbiet identifikati waqt il-valutazzjoni tas-sikurezza TCO, mhux robust, b'mod partikolari fir-rigward tal-analiżi meħtieġa tal-kawżi ewlenin.

(117) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex il-kumpanija tal-ajru *Air Zimbabwe Pvt Ltd* tiġi inkluża fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(118) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fiż-Żimbabwe, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(119) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(120) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu jiġi emendat skont dan,

(121) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness A jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness B jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2017

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Violeta BULC
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS A

LISTA TA' KUMPANIJI TAL-AJRU LI HUMA PPROJBITI MILLI JOPERAW FL-UNJONI, B'XI EĊĊEZZJONIJIET [1]

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur
BLUE WING AIRLINES	SRBWA-01/2002	BWI	Is-Suriname
IRAN ASEMAN AIRLINES	FS-102	IRC	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran
IRAQI AIRWAYS	001	IAW	L-Iraq
MED-VIEW AIRLINE	MVA/AOC/10-12/05	MEV	In-Niġerja
MUSTIQUE AIRWAYS	2A/12/003K	MAW	Saint Vincent u l-Grenadini
INTERNATIONAL JOINT-STOCK AVIATION COMPANY "URGA"	UK 012	URG	l-Ukrajna
AIR ZIMBABWE (PVT) LTD	177/04	AZW	Iż-Żimbabwe
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan**
AFGHAN JET INTERNATIONAL AIRLINES	AOC 008	AJA	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan
ARIANA AFGHAN AIRLINES	AOC 009	AFG	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan
EAST HORIZON AIRLINES	AOC 1013	EHN	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan
KAM AIR	AOC 001	KMF	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan
SAFI AIRWAYS	AOC 181	SFW	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *TAAG Angola Airlines* li jinsabu fl-Aneess B, fosthom			**Ir-Repubblika tal-Angola**
AEROJET	AO 008-01/11	TEJ	Ir-Repubblika tal-Angola
AIR GICANGO	009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
AIR JET	AO 006-01/11-MBC	MBC	Ir-Repubblika tal-Angola

[1] Il-kumpaniji tal-ajru elenkati fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand kumpanija tal-ajru li mhijiex soġġetta għal projbizzjoni fuq l-operat, diment li jitħarsu l-istandards tas-sikurezza rilevanti.

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur
AIR NAVE	017	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
AIR26	AO 003-01/11-DCD	DCD	Ir-Repubblika tal-Angola
ANGOLA AIR SERVICES	006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
DIEXIM	007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
FLY540	AO 004-01 FLYA	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
GIRA GLOBO	008	GGL	Ir-Repubblika tal-Angola
HELIANG	010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
HELIMALONGO	AO 005-01/11	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
MAVEWA	016	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
SONAIR	AO 002-01/10-SOR	SOR	Ir-Repubblika tal-Angola
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Kongo responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Ir-Repubblika tal-Kongo**
AERO SERVICE	RAC06-002	RSR	Ir-Repubblika tal-Kongo
CANADIAN AIRWAYS CONGO	RAC06-012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Kongo
EMERAUDE	RAC06-008	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Kongo
EQUAFLIGHT SERVICES	RAC 06-003	EKA	Ir-Repubblika tal-Kongo
EQUAJET	RAC06-007	EKJ	Ir-Repubblika tal-Kongo
EQUATORIAL CONGO AIRLINES S.A.	RAC 06-014	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Kongo
MISTRAL AVIATION	RAC06-011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Kongo
TRANS AIR CONGO	RAC 06-001	TSG	Ir-Repubblika tal-Kongo
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (DRC) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)**
AIR FAST CONGO	409/CAB/MIN/ TVC/0112/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR KASAI	409/CAB/MIN/ TVC/0053/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR KATANGA	409/CAB/MIN/ TVC/0056/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur
AIR TROPIQUES	409/CAB/MIN/TVC/00625/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BLUE AIRLINES	106/CAB/MIN/TVC/2012	BUL	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BLUE SKY	409/CAB/MIN/TVC/0028/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BUSY BEE CONGO	409/CAB/MIN/TVC/0064/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)	409/CAB/MIN/TVC/0050/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
CONGO AIRWAYS	019/CAB/MIN/TVC/2015	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
DAKOTA SPRL	409/CAB/MIN/TVC/071/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
DOREN AIR CONGO	102/CAB/MIN/TVC/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
GOMAIR	409/CAB/MIN/TVC/011/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
KIN AVIA	409/CAB/MIN/TVC/0059/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
KORONGO AIRLINES	409/CAB/MIN/TVC/001/2011	KGO	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MALU AVIATION	098/CAB/MIN/TVC/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MANGO AIRLINES	409/CAB/MIN/TVC/009/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SERVE AIR	004/CAB/MIN/TVC/2015	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SERVICES AIR	103/CAB/MIN/TVC/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SWALA AVIATION	409/CAB/MIN/TVC/0084/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
TRANSAIR CARGO SERVICES	409/CAB/MIN/TVC/073/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
WILL AIRLIFT	409/CAB/MIN/TVC/0247/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Djibouti responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Il-Djibouti**
DAALLO AIRLINES	Mhux magħruf	DAO	Il-Djibouti
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Guinea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Il-Guinea Ekwatorjali**
CEIBA INTERCONTINENTAL	2011/0001/MTTCT/DGAC/SOPS	CEL	Il-Guinea Ekwatorjali
CRONOS AIRLINES	2011/0004/MTTCT/DGAC/SOPS	Mhux magħruf	Il-Guinea Ekwatorjali
PUNTO AZUL	2012/0006/MTTCT/DGAC/SOPS	Mhux magħruf	Il-Guinea Ekwatorjali
TANGO AIRWAYS	Mhux magħruf	Mhux magħruf	Il-Guinea Ekwatorjali
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Eritrea responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**L-Eritrea**
ERITREAN AIRLINES	AOC Nru 004	ERT	L-Eritrea
NASAIR ERITREA	AOC Nru 005	NAS	L-Eritrea
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Gaboniża responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *Afrijet* u *SN2AG*li jinsabu fl-Aneess B, fosthom			**Ir-Repubblika Gaboniża**
AFRIC AVIATION	010/MTAC/ANAC-G/DSA	EKG	Ir-Repubblika Gaboniża
ALLEGIANCE AIR TOURIST	007/MTAC/ANAC-G/DSA	LGE	Ir-Repubblika Gaboniża
NATIONALE REGIONALE TRANSPORT (N.R.T)	008/MTAC/ANAC-G/DSA	NRG	Ir-Repubblika Gaboniża
SKY GABON	009/MTAC/ANAC-G/DSA	SKG	Ir-Repubblika Gaboniża
SOLENTA AVIATION GABON	006/MTAC/ANAC-G/DSA	SVG	Ir-Repubblika Gaboniża
TROPICAL AIR-GABON	011/MTAC/ANAC-G/DSA	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Gaboniża

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Indoneżja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *Garuda Indonesia, Airfast Indonesia, Ekspres Transportasi Antarbenua, Indonesia Air Asia, Citilink, Lion Air and Batik Air*,, fosthom			**Ir-Repubblika tal-Indoneżja**
AIR BORN INDONESIA	135-055	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
AIR PACIFIC UTAMA	135-020	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
ALDA TRANS PAPUA	135-056	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
ALFA TRANS DIRGANTARA	135-012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
AMA	135-054	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
ANGKASA SUPER SERVICE	135-050	LBZ	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
ASI PUDJIASTUTI	135-028	SQS	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
AVIASTAR MANDIRI	135-029	VIT	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
DABI AIR NUSANTARA	135-030	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
DERAYA AIR TAXI	135-013	DRY	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
DERAZONA AIR SERVICE	135-010	DRZ	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
EASTINDO	135-038	ESD	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
ELANG LINTAS INDONESIA	135-052	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
ELANG NUSANTARA AIR	135-053	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
ENGGANG AIR SERVICE	135-045	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
ERSA EASTERN AVIATION	135-047	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
GATARI AIR SERVICE	135-018	GHS	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
HEVILIFT AVIATION	135-042	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
INDONESIA AIR ASIA EXTRA	121-054	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
INDONESIA AIR TRANSPORT	121-034	IDA	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
INDO STAR AVIATION	135-057	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
INTAN ANGKASA AIR SERVICE	135-019	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
JAYAWIJAYA DIRGANTARA	121-044	JWD	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
JOHNLIN AIR TRANSPORT	135-043	JLB	Ir-Repubblika tal-Indoneżja

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur
KAL STAR AVIATION	121-037	KLS	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
KARTIKA AIRLINES	121-003	KAE	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
KOMALA INDONESIA	135-051	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
KURA-KURA AVIATION	135-016	KUR	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
MARTA BUANA ABADI	135-049	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
MATTHEW AIR NUSANTARA	135-048	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
MIMIKA AIR	135-007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
MY INDO AIRLINES	121-042	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
NAM AIR	121-058	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
NATIONAL UTILITY HELICOPTER	135-011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
NUSANTARA AIR CHARTER	121-022	SJK	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
PEGASUS AIR SERVICES	135-036	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
PELITA AIR SERVICE	121-008	PAS	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
PENERBANGAN ANGKASA SEMESTA	135-026	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
PURA WISATA BARUNA	135-025	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
RIAU AIRLINES	121-016	RIU	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
SAYAP GARUDA INDAH	135-004	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
SMAC	135-015	SMC	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
SPIRIT AVIATION SENTOSA	135-058	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
SRIWIJAYA AIR	121-035	SJY	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
SURYA AIR	135-046	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
TRANSNUSA AVIATION MANDIRI	121-048	TNU	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
TRANSWISATA PRIMA AVIATION	135-021	TWT	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
TRAVEL EXPRESS AVIATION SERVICE	121-038	XAR	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
TRAVIRA UTAMA	135-009	TVV	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
TRI MG INTRA ASIA AIRLINES	121-018	TMG	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
TRI MG INTRA ASIA AIRLINES	135-037	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
TRIGANA AIR SERVICE	121-006	TGN	Ir-Repubblika tal-Indoneżja

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur
UNINDO	135-040	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
WESTSTAR AVIATION INDONESIA	135-059	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
WING ABADI AIRLINES	121-012	WON	Ir-Repubblika tal-Indoneżja
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Ir-Repubblika Kirgiża**
AIR BISHKEK (EX EASTOK AVIA)	15	EAA	Ir-Repubblika Kirgiża
AIR MANAS	17	MBB	Ir-Repubblika Kirgiża
AVIA TRAFFIC COMPANY	23	AVJ	Ir-Repubblika Kirgiża
CENTRAL ASIAN AVIATION SERVICES (CAAS)	13	CBK	Ir-Repubblika Kirgiża
HELI SKY	47	KTC	Ir-Repubblika Kirgiża
AIR KYRGYZSTAN	03	LYN	Ir-Repubblika Kirgiża
MANAS AIRWAYS	42	BAM	Ir-Repubblika Kirgiża
S GROUP INTERNATIONAL (li qabel kien jisimha S GROUP AVIATION)	45	IND	Ir-Repubblika Kirgiża
SKY BISHKEK	43	BIS	Ir-Repubblika Kirgiża
SKY KG AIRLINES	41	KGK	Ir-Repubblika Kirgiża
SKY WAY AIR	39	SAB	Ir-Repubblika Kirgiża
TEZ JET	46	TEZ	Ir-Repubblika Kirgiża
VALOR AIR	07	VAC	Ir-Repubblika Kirgiża
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja			**Il-Liberja**
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Libja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Il-Libja**
AFRIQIYAH AIRWAYS	007/01	AAW	Il-Libja
AIR LIBYA	004/01	TLR	Il-Libja
BURAQ AIR	002/01	BRQ	Il-Libja

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur
GHADAMES AIR TRANSPORT	012/05	GHT	Il-Libja
GLOBAL AVIATION AND SERVICES	008/05	GAK	Il-Libja
LIBYAN AIRLINES	001/01	LAA	Il-Libja
PETRO AIR	025/08	PEO	Il-Libja
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tan-Nepal responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Ir-Repubblika tan-Nepal**
AIR DYNASTY HELI. S.	035/2001	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
AIR KASTHAMANDAP	051/2009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
BUDDHA AIR	014/1996	BHA	Ir-Repubblika tan-Nepal
FISHTAIL AIR	017/2001	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
GOMA AIR	064/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
HIMALAYA AIRLINES	084/2015	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
MAKALU AIR	057A/2009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
MANANG AIR PVT LTD	082/2014	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
MOUNTAIN HELICOPTERS	055/2009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
MUKTINATH AIRLINES	081/2013	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
NEPAL AIRLINES CORPORATION	003/2000	RNA	Ir-Repubblika tan-Nepal
SAURYA AIRLINES	083/2014	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
SHREE AIRLINES	030/2002	SHA	Ir-Repubblika tan-Nepal
SIMRIK AIR	034/2000	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
SIMRIK AIRLINES	052/2009	RMK	Ir-Repubblika tan-Nepal
SITA AIR	033/2000	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
TARA AIR	053/2009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
YETI AIRLINES DOMESTIC	037/2004	NYT	Ir-Repubblika tan-Nepal

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' São Tomé u Príncipe responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**São Tomé u Príncipe**
AFRICA'S CONNECTION	10/AOC/2008	ACH	São Tomé u Príncipe
STP AIRWAYS	03/AOC/2006	STP	São Tomé u Príncipe
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Sierra Leone**
AIR RUM, LTD	MHUX MAGĦRUF	RUM	Sierra Leone
DESTINY AIR SERVICES, LTD	MHUX MAGĦRUF	DTY	Sierra Leone
HEAVYLIFT CARGO	MHUX MAGĦRUF	Mhux magħruf	Sierra Leone
ORANGE AIR SIERRA LEONE LTD	MHUX MAGĦRUF	ORJ	Sierra Leone
PARAMOUNT AIRLINES, LTD	MHUX MAGĦRUF	PRR	Sierra Leone
SEVEN FOUR EIGHT AIR SERVICES LTD	MHUX MAGĦRUF	SVT	Sierra Leone
TEEBAH AIRWAYS	MHUX MAGĦRUF	Mhux magħruf	Sierra Leone
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sudan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**Ir-Repubblika tas-Sudan**
ALFA AIRLINES SD	54	AAJ	Ir-Repubblika tas-Sudan
BADR AIRLINES	35	BDR	Ir-Repubblika tas-Sudan
BLUE BIRD AVIATION	11	BLB	Ir-Repubblika tas-Sudan
ELDINDER AVIATION	8	DND	Ir-Repubblika tas-Sudan
GREEN FLAG AVIATION	17	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tas-Sudan
HELEJETIC AIR	57	HJT	Ir-Repubblika tas-Sudan
KATA AIR TRANSPORT	9	KTV	Ir-Repubblika tas-Sudan
KUSH AVIATION CO.	60	KUH	Ir-Repubblika tas-Sudan
NOVA AIRWAYS	46	NOV	Ir-Repubblika tas-Sudan
SUDAN AIRWAYS CO.	1	SUD	Ir-Repubblika tas-Sudan
SUN AIR	51	SNR	Ir-Repubblika tas-Sudan
TARCO AIR	56	TRQ	Ir-Repubblika tas-Sudan

ANNESS B

LISTA TA' KUMPANIJI TAL-AJRU LI HUMA SUĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET OPERATTIVI FL-UNJONI [1]

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC")	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO tal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur	It-tip ta' inġenju tal-ajru li huwa suġġett għal restrizzjoni	Il-marka jew il-marki tar-reġistrazzjoni u, meta jkun disponibbli, in-numru jew in-numri tas-serje tal-kostruzzjoni tal-inġenju tal-ajru li huwa suġġett għal restrizzjoni	L-istat tar-reġistrazzjoni
TAAG ANGOLA AIRLINES	001	DTA	Ir-Repubblika tal-Angola	Il-flotta kollha ħlief għal: inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B737-700, inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B777-200, inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B777-300 u inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B777-300ER.	Il-flotta kollha ħlief għal: inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B737-700, kif jissemma fl-AOC; inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B777-200, kif jissemma fl-AOC; inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B777-300, kif jissemma fl-AOC; u inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B777-300ER, kif jissemma fl-AOC.	Ir-Repubblika tal-Angola
AIR SERVICE COMORES	06-819/TA-15/DGACM	KMD	Comoros	Il-flotta kollha ħlief għal: LET 410 UVP.	Il-flotta kollha ħlief għal: D6-CAM (851336).	Comoros
AFRIJET BUSINESS SERVICE [1]	002/MTAC/ ANAC-G/DSA	ABS	Ir-Repubblika Gaboniża	Il-flotta kollha ħlief għal: 2 inġenji tal-ajru tat-tip Falcon 50, 2 inġenji tal-ajru tat-tip Falcon 900.	Il-flotta kollha ħlief għal: TR-LGV; TR-LGY; TR-AFJ; TR-AFR.	Ir-Repubblika Gaboniża
NOUVELLE AIR AFFAIRES GABON (SN2AG)	003/MTAC/ ANAC-G/DSA	NVS	Ir-Repubblika Gaboniża	Il-flotta kollha ħlief għal: inġenju tal-ajru wieħed (1) tat-tip Challenger CL-601, inġenju tal-ajru wieħed (1) tat-tip HS-125-800.	Il-flotta kollha ħlief għal: TR-AAG, ZS-AFG.	Ir-Repubblika Gaboniża; Ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel
IRAN AIR	FS100	IRA	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran	L-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Fokker F100 u tat-tip Boeing B747	L-inġenji tal-ajru tat-tip Fokker F100 kif jissemma fl-AOC; L-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B747 kif jissemma fl-AOC	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran

[1] Il-kumpaniji tal-ajru mniżżlin fl-Anness B jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand kumpanija tal-ajru li mhix suġġetta għal projbizzjoni fuq l-operat, sakemm jitħarsu l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC")	In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO tal-linja tal-ajru	L-istat tal-Operatur	It-tip ta' inġenju tal-ajru li huwa suġġett għal restrizzjoni	Il-marka jew il-marki tar-reġistrazzjoni u, meta jkun disponibbli, in-numru jew in-numri tas-serje tal-kostruzzjoni tal-inġenju tal-ajru li huwa suġġett għal restrizzjoni	L-istat tar-reġistrazzjoni
AIR KORYO	GAC-AOC/KOR-01	KOR	Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea	Il-flotta kollha ħlief għal: 2 inġenji tal-ajru tat-tip TU- 204.	Il-flotta kollha ħlief għal: P-632, P-633.	Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

(1) Il-kumpanija Afrijet titħalla tuża biss l-inġenji tal-ajru speċifiċi msemmija għal-livell attwali ta' operazzjonijiet tagħha fl-Unjoni.